GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
SERVIZZI NAZZJONALI TA' SAPPORT GĦALL-ISKEJJEL

# FORMOLA TA' KUNSENS – studenti ta' Year 11

**2 ta' Ġunju, 2021**

**Għeżież Studenti u Ġenituri/Kustodji,**

Riċentement inti ġejt avviċinat/a minn professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-gwida għall-karrieri sabiex jassistuk dwar l-għażla li ser tagħmel wara li tispiċċa l-Year 11. Il-preferenza tiegħek ġiet innutata u, għalhekk, l-istituzzjoni post-sekondarja tixtieq tikkuntattjak sabiex tassistik fit-tranżizzjoni mill-iskola obbligatorja għal-livell post-sekondarju.

Minħabba r-Regoli u l-Liġijiet tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, is-Servizz Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel, għan-nom tad-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi (DES), qiegħed jitlob il-kunsens **tal-ġenitur/kustodju, kif ukoll tal-istudent/a,** għal dan li ġej:

1. Sabiex l-NSSS jgħaddi d-dettalji tal-istudent/a (isem, kunjom, numru tal-I.D. u numru tat-telefon/mowbajl **lill-istituzzjoni post-sekondarja rispettiva**, fosthom l-MCAST, Junior College, ITS, Higher Secondary, Gem 16+, eċċ., biex l-istituzzjoni tikkuntattjak matul il-ġranet tas-sajf sabiex jgħinuk fl-applikazzjoni. Jekk tbiddel il-ħsieb, l-istituzzjoni terġa' tirreferik lill-NSSS u jerġgħu jikkuntattjawk il-professjonisti fil-qasam tal-karrieri.
2. Fil-każ ta' studenti li indikaw li jixtiequ jireġistraw għax-xogħol u/jew isibu impjieg, l-NSSS tgħaddi d-dettalji tiegħek (isem, kunjom u numru tat-telefown) lil Jobsplus li min-naħa tagħhom isegwu l-istess proċedura (kif indikat f'punt 1).
3. Dan japplika wkoll għal programmi oħra, bħal pereżempju, għall-Youth.Inc., eċċ., fejn id-dettalji tal-istudent jiġu mgħoddija lill-Aġenzija Żgħażagħ u lill-Young Adults Education Resource Centre, Wardija, fost oħrajn.
4. L-Istituzzjonijiet ser jagħmlu kuntatt bit-telefon (jew b'imejl jekk dan jiġi maqbul bejnkom u bejn l-istituzzjoni).

| **Kunsens tal-ġenitur/kustodju:** | **Kunsens tal-istudent:** |
|---|---|
| ____________________________ | ______________________________ |
| Isem tal-ġenitur/kustodju | Isem tal-istudent/a |
| ____________________________ | ______________________________ |
| Firma tal-ġenitur/kustodju | Firma tal-istudent/a |
| ____________________________ | ______________________________ |
| Numru tal-karta tal-identità tal-ġenitur/kustodju | Numru tal-karta tal-identità tal-istudent/a |
| ____________________________ | ______________________________ |
| Numru tat-telefon/mowbajl | Numru tat-telefon/mowbajl |

Dan il-kunsens jista' jiġi rtirat kull ħin permezz ta' talba bil-miktub. L-informazzjoni kollha ser tiġi użata biss għall-iskop li għalih hija mitluba u skont ir-Regoli u l-Liġijiet tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Huwa importanti li kif l-istudent jagħlaq is-16-il sena u jkun irid jirtira dan il-kunsens, ikun hu li jagħmel dan u/jew jagħti xi kunsens ulterjuri.

National School Support Services, Fra Gaetano Pace Forno Street, Hamrun HMR 1100
t + 356 2598 3400 / 3497 | e nationalschoolsupportservices.mede@gov.mt | www.education.gov.mt